REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/652

tal-24 ta' April 2019

li jistabbilixxi Regoli standard ta' Funzjonament għall-Kummissjoni Konsultattiva jew għall-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim u formola standard għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni li tikkonċerna l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni finali b'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/1852

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/1852 tal-10 ta' Ottubru 2017 dwar Mekkaniżmi għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Taxxa fl-Unjoni Ewropea ([1]), u partikolarment l-Artikoli 11(3) u 18(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2017/1852 tintroduċi mekkaniżmu għas-soluzzjoni effettiva tat-tilwim dwar it-taxxa bejn l-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' ftehimiet u konvenzjonijiet li jipprevedu l-eliminazzjoni ta' taxxa doppja fuq l-introjtu u, fejn applikabbli, fuq il-kapital.

(2) Id-Direttiva (UE) 2017/1852 tipprevedi li jekk il-proċedura ta' ftehim reċiproku li hija prevista bħala l-ewwel pass lejn is-soluzzjoni tat-tilwim ma twassalx għal ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati fi żmien determinat, it-tilwima tista' tiġi sottomessa biex tissolva minn Kummissjoni Konsultattiva jew minn Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim.

(3) Id-Direttiva (UE) 2017/1852 tipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru involut fit-tilwima għandhom jiffirmaw ir-Regoli ta' Funzjonament għall-Kummissjoni Konsultattiva jew għall-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim ("ir-Regoli ta' Funzjonament") u jinnotifikawhom lill-persuni milquta.

(4) Id-Direttiva (UE) 2017/1852 tipprevedi li l-Kummissjoni jeħtieġ li tistabbilixxi Regoli standard ta' Funzjonament li japplikaw meta r-Regoli ta' Funzjonament ma jkunux ġew innotifikati lill-persuna(i) milquta fiż-żmien determinat preskritt jew meta jkunu inkompleti. Għaldaqstant għandhom jiġu stabbiliti Regoli Standard ta' Funzjonament, sabiex tinkiseb il-kontinwità u l-effettività fil-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim. Għal din ir-raġuni, ir-Regoli standard ta' Funzjonament għandhom joħolqu qafas proċedurali komprensiv biex il-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim taħdem mingħajr xkiel u tiggarantixxi d-drittijiet tal-persuna(i) milquta taħt id-Direttiva (UE) 2017/1852. Huwa partikolarment importanti li jiġu deskritti l-bażi legali tat-tilwima u t-termini ta' referenza, kif ukoll li jiġu trattati d-dettalji tal-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Kummissjoni Konsultattiva jew tal-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim, u wkoll li jiġi previst il-qsim tal-ispejjeż. Sabiex tkun żgurata l-indipendenza tal-Kummissjoni Konsultattiva jew tal-Kummissjoni għas-Soluzzjoni tat-Tilwim, ikun ukoll neċessarju li jiġi inkluż l-iżvelar komprensiv ta' kwalunkwe konflitt ta' interess.

(5) Id-Direttiva (UE) 2017/1852 tipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaqblu li jippubblikaw id-deċiżjoni finali tagħhom fl-intier tagħha, soġġett għall-kunsens tal-persuna(i) milquta kkonċernati. Id-Direttiva (UE) 2017/1852 tipprevedi wkoll li meta l-awtoritajiet kompetenti jew il-persuna(i) milquta kkonċernati ma jagħtux il-kunsens tagħhom għall-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni finali fl-intier tagħha, l-awtoritajiet kompetenti jeħtieġ li jippubblikaw silta mid-deċiżjoni finali.

(6) Sabiex tkun iggarantita l-komunikazzjoni koerenti tal-informazzjoni fir-rigward tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni finali, għandha tiġi stabbilita formola standard. Sabiex tkun żgurata t-trasparenza rigward id-deċiżjoni finali filwaqt li jiġu protetti s-sigrieti kummerċjali tal-persuna(i) milquta, il-formola standard għandha tikkundizzjona l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni finali dwar il-qbil min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti u l-kunsens tal-persuna(i) milquta. F'każ li waħda minn dawn il-partijiet ma taqbilx mal-pubblikazzjoni, ir-regoli għandhom jipprevedu r-rilaxx ta' silta mid-deċiżjoni finali u jistabbilixxu l-elementi li għandhom jidhru fiha. Jenħtieġ li jiġi aċċettat ukoll li l-persuni milquta huma intitolati li jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti ma jippubblikawx informazzjoni relatata mas-sigriet kummerċjali.

(7) Sabiex ikunu żgurati ċ-ċertezza legali u l-funzjonament xieraq tas-sistema, dan ir-Regolament jenħtieġ li jibda japplika wara l-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tad-Direttiva (UE) 2017/1852.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim,

([1]) ĠU L 265, 14.10.2017, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Regoli Standard ta' Funzjonament

Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri involuti fi proċedura ta' soluzzjoni ta' tilwim skont id-Direttiva (UE) 2017/1852 ma jkunux innotifikaw lill-persuna(i) affettwati bir-Regoli ta' Funzjonament għall-Kummissjoni Konsultattiva jew għall-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim ("ir-Regoli ta' Funzjonament") jew ikunu nnotifikawhom b'mod inkomplet, il-persuni indipendenti ta' reputazzjoni u l-president għandhom jikkompletaw ir-Regoli ta' Funzjonament abbażi tal-formola standard stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Formola standard għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni li tikkonċerna l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni finali

Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri involuti fi proċedura ta' soluzzjoni ta' tilwim skont id-Direttiva (UE) 2017/1852 jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 18 ta' dik id-Direttiva, dawn għandhom jużaw il-formola standard stabbilita fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

PARTI 1

REGOLI STANDARD TA' FUNZJONAMENT GĦALL-KUMMISSJONI KONSULTATTIVA JEW GĦALL-KUMMISSJONI GĦAS-SOLUZZJONI ALTERNATTIVA TAT-TILWIM

(L-ARTIKOLU 11(3) TAD-DIRETTIVA (UE) 2017/1852)

[Trid timtela mill-persuni indipendenti ta' reputazzjoni u mill-president u tiġi ffirmata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati]

*[Meta l-kummissjoni konsultattiva tiġi stabbilita għall-finijiet tal-Artikolu 6(1)(a) tad-Direttiva (UE) 2017/1852, imla biss il-partijiet immarkati permezz ta' *]*

1. INFORMAZZJONI ĠENERALI*

L-isem/ismijiet tal-persuna/i milquta, l-indirizz/i, in-numru/i ta' identifikazzjoni tat-taxxa (NIT): _____

L-Istat Membru ta' residenza għall-finijiet tat-taxxa tal-persuna/i milquta: _____

L-Istati Membri kkonċernati: _____

L-indirizz sħiħ u d-dettalji ta' persuna ta' kuntatt għall-persuna/i milquta, inkluż in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-posta elettronika: _____

L-ismijiet u d-dettalji tal-avukat tal-persuna milquta (*fejn japplika*) **:** _____

2. KOMPOŻIZZJONI TAL-KUMMISSJONI KONSULTATTIVA JEW TAL-KUMMISSJONI GĦAS-SOLUZZJONI ALTERNATTIVA TAT-TILWIM

2.1. **Forma:**

☐ **Kummissjoni Konsultattiva**

☐ **Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim**

2.2. **Tip ta' proċess ta' soluzzjoni:**

☐ Proċess ta' "**Opinjoni indipendenti**"

☐ Proċess ta' "**Offerta finali**"

☐ **Oħrajn**, *jekk jogħġbok, speċifika:* _____

2.3. **Numru ta' Membri u informazzjoni ġenerali** *:

— ☐ President

— ☐ _____ Persuni indipendenti ta' reputazzjoni u _____ Sostituti

— ☐ _____ Rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti

President:

_____

_____

Ċittadinanza: _____ *L-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt (inkluż l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefown - mhux obbligatorji):* _____

Persuna indipendenti ta' reputazzjoni tajba (maħtura minn _____):

_____

_____

Ċittadinanza: _____ *L-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt (inkluż l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefown - mhux obbligatorji):* _____

Sostitut (maħtur minn _____):

_____

_____

Ċittadinanza: _____ *L-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt (inkluż l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefown - mhux obbligatorji):* _____

Persuna indipendenti ta' reputazzjoni tajba (maħtura minn _____):

_____

_____

Ċittadinanza: _____ *L-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt (inkluż l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefown - mhux obbligatorji):* _____

Sostitut (maħtur minn _____):

_____

_____

Ċittadinanza: _____ *L-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt (inkluż l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefown - mhux obbligatorji):* _____

Awtoritajiet kompetenti (Rappreżentant maħtur għal _____)

L-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt (inkluż l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefown):

_____

_____

Awtoritajiet kompetenti (Rappreżentant maħtur għal _____)

L-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt (inkluż l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefown):

_____

_____

Fejn japplika, żid il-linji għal membri involuti addizzjonali

Barra minn hekk, rigward il-persuni indipendenti ta' reputazzjoni, is-CVs u r-referenzi tagħhom bid-dettalji tal-kompetenzi u tal-kwalifiki tagħhom jistgħu jiġu mehmużin b'mod fakultattiv ma' dawn ir-Regoli Standard ta' Funzjonament. L-Iżvelar ta' kwalunkwe Konflitt ta' Interess stabbilita fil-Parti 2 għandha tiġi ffirmata u inkluża leġittimament.

3. ID-DESKRIZZJONI U L-KARATTERISTIĊI TAL-KWISTJONI KKONTESTATA*

Deskrizzjoni tas-suġġett:

_____

_____

_____

_____

Perjodu/i tat-taxxa:

_____

_____

Is-settur industrijali:

_____

_____

_____

Referenzi għal-liġijiet u t-trattati applikabbli:

☐ **Dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali** *(Għandha tiġi pprovduta referenza dettaljata tal-artikoli korrispondenti – jistgħu jiġu mehmuża d-dispożizzjonijiet sħaħ)*

_____

_____

☐ **Konvenzjoni kontra t-Tassazzjoni Doppja** *(Bilaterali jew multilaterali - għandha tiġi pprovduta referenza dettaljata tal-artikoli korrispondenti – jistgħu jiġu mehmuża d-dispożizzjonijiet sħaħ)*

☐ **Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja b'konnessjoni mal-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati (90/436/KEE)** [1] *(Għandha tiġi pprovduta referenza dettaljata tal-artikoli korrispondenti – jistgħu jiġu mehmuża d-dispożizzjonijiet sħaħ)*

☐ Kwalunkwe referenza oħra maqbula mill-awtoritajiet kompetenti:

L-ammonti għal kull sena tat-taxxa u dettalji oħrajn dwar l-applikazzjoni kkontestata jew l-interpretazzjoni tal-ftehim jew konvenzjoni kif speċifikat fl-ilment imressaq mill-persuna milquta u kif ivverifikat mill-awtoritajiet kompetenti:

4. TERMINI TA' REFERENZA MAQBULA MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

Deskrizzjoni tal-kwistjonijiet legali soġġetti għall-interpretazzjoni fil-każ ikkontestat:

Deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi fattwali li jridu jiġu kkunsidrati u tal-kwistjonijiet fattwali li dwarhom l-awtoritajiet kompetenti jeħtieġu kjarifika u/jew interpretazzjoni mill-Kummissjoni Konsultattiva jew mill-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim:

5. QAFAS TA' ŻMIEN GĦALL-PROĊEDURA GĦAS-SOLUZZJONI TAT-TILWIM*

L-aħħar data għall-għoti tal-opinjoni:

Limiti ta' żmien għas-sottomissjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti u mill-persuna/i milquta, inkluża evidenza dokumentata jew provi oħrajn u/jew opinjonijiet esperti; konsegwenzi tas-sottomissjoni tard *(jekk ikun hemm)* **:**

Id-dati skedati u l-post tas-seduti ta' smigħ *(jekk ikun hemm)* **:**

[1] ĠU L 225, 20.8.1990, p. 10.

Id-dati skedati biex il-persuna/i milquta u/jew partijiet terzi jidhru jew jiġu rrappreżentati waqt is-seduti ta' smigħ *(jekk ikun hemm)* **:**

6. ORGANIZZAZZJONI U FUNZJONAMENT*

Post/ijiet tal-laqgħa tal-Kummissjoni Konsultattiva jew tal-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim:

Servizzi amministrattivi li jistgħu jkunu meħtieġa biex il-Kummissjoni Konsultattiva jew il-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim iwettqu l-funzjonijiet tagħhom:

Lingwa/i ta' ħidma komuni għall-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim:

Ħtieġa possibbli ta' traduzzjoni tad-dokumenti *(b'mod sħiħ jew parzjali)* **:**

Ħtieġa possibbli ta' interpretazzjoni tal-preżentazzjonijiet orali:

Dettalji prattiċi dwar is-sottomissjonijiet u l-evidenza bil-miktub *(eż. il-metodu ta' sottomissjoni, kopji, numerazzjoni, referenzi)* **:**

Rotta tal-komunikazzjonijiet bil-miktub fost l-awtoritajiet kompetenti u l-persuna/i milquta *(inkluż il-mezz kif jintbagħtu d-dokumenti)* **:**

Arranġamenti għal talbiet ta' informazzjoni mill-Kummissjoni Konsultattiva jew mill-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim u t-tweġibiet sussegwenti mill-persuna/i milquta u mill-awtoritajiet kompetenti:

Esperti u partijiet terzi oħrajn possibbli (termini u kundizzjonijiet għas-sottomissjoni ta' opinjonijiet orali jew bil-miktub):

Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà tad-dokumenti (*eż. oriġinali jew kopji ċċertifikati, eċċ.*):

Arranġamenti għall-preżentazzjoni ta' evidenza dokumentata voluminuża u kkumplikata *(eż., permezz ta' sommarji, tabulazzjonijiet, ċarts, siltiet jew kampjuni)*:

Arranġamenti għar-reġistrazzjoni tas-seduti ta' smigħ:

Oħrajn (*għandhom jiġu speċifikati, inklużi arranġamenti proċedurali, evidenzjarji u loġistiċi oħrajn li jistgħu jkunu applikabbli*) **:**

7. OPINJONI

Rekwiżiti possibbli rigward il-preżentazzjoni jew il-ħruġ tal-opinjoni:

8. KOSTIJIET*

L-ispejjeż għandhom jinqasmu bejn l-Istati Membri:

☐ **Fi proporzjon ta':**

☐ **Ugwalment**

L-ispejjeż għandhom jinkludu, jekk ikun hemm:

☐ L-ispejjeż imġarrba mill-persuni indipendenti ta' reputazzjoni:

☐ It-tariffi tal-persuni indipendenti ta' reputazzjoni (limitati għal EUR 1 000 kull persuna għal kull jum ta' laqgħa):

☐ Spejjeż tat-traduzzjoni _____

☐ Spejjeż tal-interpretazzjoni _____

☐ Spejjeż amministrattivi oħrajn (inklużi l-ispejjeż tas-Segretarjat)

_____

Informazzjoni u arranġamenti oħra dwar l-ispejjeż *(għandhom jiġu speċifikati)*:

_____

_____

9. OĦRAJN

_____

_____

_____

Id-data:

Firma mir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri:

_____ _____

PARTI 2

ŻVELAR TA' KWALUNKWE KUNFLITT TA' INTERESS

[Trid timtela minn kull persuna indipendenti ta' reputazzjoni maħtura u mis-sostitut tagħha]

Kunjom: _____

Isem: _____

Maħtur minn: _____

☐ Jien inqis ruħi indipendenti u imparzjali. Sa fejn naf jien, u wara investigazzjoni xierqa, m'hemm l-ebda interess, relazzjoni jew xi kwistjoni oħra, fil-passat jew fil-preżent, li jien għandi niżvela minħabba li tista' taffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħi jew li tista' b'mod raġjonevoli toħloq xi dehra ta' imparzjalità fil-proċedimenti.

☐ Konferma bi żvelar: Jien oġġettiv/a u għandi l-intenzjoni li nibqa' hekk. Għaldaqstant, jien nagħraf ukoll l-obbligu tiegħi li niżvela kwalunkwe fatt jew ċirkostanza li tista' tkun ta' natura tali li tqajjem dubju dwar l-indipendenza tiegħi quddiem l-awtoritajiet kompetenti. F'dan il-kuntest, niġbdilkom l-attenzjoni għall-kwistjonijiet li ġejjin:

_____

_____

Dan l-iżvelar ma jneħħilix l-obbligu kontinwu tiegħi li niżvela kwalunkwe fatt jew ċirkostanza li tista' taffettwa l-indipendenza tiegħi.

Id-data:

Firma tal-persuna indipendenti maħtura jew tas-sostitut tagħha:

_____

ANNESS II

FORMOLA STANDARD GĦALL-KOMUNIKAZZJONI TA' INFORMAZZJONI DWAR IL-PUBBLIKAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI FINALI

(L-ARTIKOLU 18(4) TAD-DIRETTIVA (UE) 2017/1852)

[Għandha timtela mill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru kkonċernat]

Pubblikazzjoni tad-deċiżjoni finali	
1. Qbil mill-awtoritajiet kompetenti li tiġi ppubblikata d-deċiżjoni finali fl-intier tagħha	Iva ☐ Le ☐
2. Kunsens tal-persuna/i milquta li tiġi ppubblikata d-deċiżjoni finali fl-intier tagħha	Iva ☐ Le ☐
Jekk "Iva" kemm taħt 1 kif ukoll taħt 2:	
(a) **Pubblikazzjoni tad-deċiżjoni finali fl-intier tagħha**	
It-test tad-deċiżjoni finali fl-intier tagħha:	
Jekk "Le" taħt xi waħda minn 1. jew 2.:	
(b) **Pubblikazzjoni tas-sommarju tad-deċiżjoni finali**	
(i) deskrizzjoni tal-kwistjoni u tas-suġġett	…
(ii) id-data	…
(iii) il-perjodi tat-taxxa involuti	…
(iv) il-bażi ġuridiku	…
(v) is-settur industrijali	…
(vi) deskrizzjoni qasira tal-eżitu aħħari	…
(vii) deskrizzjoni tal-metodu ta' arbitraġġ użat	…
Id-deċiżjoni finali ġiet iċċensurata għal raġunijiet li jikkonċernaw xi sigriet kummerċjali, tan-negozju, industrijali jew professjonali jew proċess kummerċjali, jew għax hija ta' preġudizzju għall-ordni pubbliku	